# Pietro Gagliardi (1809-1890) Mitejn Sena Minn Twelidu

Dan l-artist twieled f'Ruma fl-1809. Hu studja l-Arti fl-"*Accademia di San Luca*" f'Ruma, waħda mill-aktar skejjel prestiġjużi tal-Arti fl-Italja.

Il-Knisja parrokkjali arċimatriċi ta' Ħal Tarxien hija mżejna b'diversi opri artistiċi. Waħda minn dawn l-opri hi l-inkwadru titulari tal-Lunzjata. Dan hu xogħol ta' Pietro Gagliardi (1809-1890).



*It-titular tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja ta' Pietro Gagliardi li sar fl-1877*

Kif inhi li pittura ta' artist minn Ruma spiċċat iżżejjen il-kor tal-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata, ta' Ħal Tarxien?

Il-Kappillan Don Paolo Lauron ried kwadru ġdid bħala titular għall-Knisja Parrokkjali li kien qed imexxi. L-għażla waqgħet fuq Pietro Gagliardi. Għaliex ?

Dan l-artist Ruman kien qed jikseb fama kbira fil-Belt Eterna fejn kien joqgħod. Kien kiseb kommissjonijiet minn diversi nies ewlenin tal-Knisja. F'Malta l-mewt tal-pittur Giuseppe Hyzler (1773-1858) ħalliet vojt kbir għax-xogħlijiet artistiċi reliġjużi, tant li anke l-kapitlu tal-katidral dar fuq artist barrani biex isolvi l-problema tal-pittura fil-koppla. Għall-ewwel l-arti ta' Ġużeppi Calì ma kinetx għall-gosti tal-kleru Malti.

Ta' min jinnota li kien hemm membru tal-kleru Malti li kellu influwenza kbira fuq it-tmexxija tal-knisja f'Malta. Dan kien Mons. Paolo Pullicino li kien jifhem fl-Arti Sagra. Hu kellu kuntatti kbar ma' Ruma, speċjalment mal-Kanonku Salvatore Souchet. Wara li l-Kanonku kien marad, Mons. Pullicino beda jikteb personalment lil Pietro Gagliardi. Jista' jkun ukoll li ltaqa' miegħu f'Ruma fejn Mons. Pullicino kien imur ta' spiss.

L-ewwel xogħol li wettaq Pietro Gagliardi f'Malta, kien San Pawl, opra għal Mons. Paolo Pulliċino. Sakemm dan l-artist wasal biex ħoloq it-titular Tarxiniż kien hemm diversi ordnijiet għall-knejjes oħra. Ħafna minn dawn kienu ġew minn membri ewlenin tal-kleru Malti, fosthom Mons. Gaetano Pace Forno, l-Isqof ta' Malta. Xi wħud minn dawn l-inkwadri kienu għall-Katidrali u knejjes ewlenin Maltin, bħal "il-Madonna bil-Bambin" li jinsab fil-Mużew

tal-Katidral tal-Imdina. Għalhekk, mhux ħaġa kbira li l-Kappillan ta' Ħal Tarxien dar fuq Mons. Paolo Pullicino biex anke l-Knisja Parrokkjali tagħna jkollha xogħol ta' Pietro Gagliardi.

Il-pittura ġiet ordnata fis-sena 1874 u dan kien aktarx il-ħmistax-il ordni li rċieva Pietro Gagliardi minn Malta. L-ordni tal-inkwadru sar fuq inizjattiva tal-Kappillan, iżda skont il-Kav. Rafel Bonnici Calì kienet il-familja Abela li ħallset għalih. Dan ġie jiswa, dejjem skont il-Kav. Bonnici Calì, is-somma ta' 200 Lira Sterlina.

Dan hu wieħed mill-kwadri importanti li għamel Pietro Gagliardi. Tant kemm intgħoġob li l-kappillan Don Paolo Lauron kien ordna kwadru ieħor għall-Knisja Parrokkjali tagħna, li juri l-Madonna tad-Duttrina bil-qiegħda bi ktieb kbir miftuħ quddiemha. Dan is-'sotto-quadro' ovali sar sena wara li kien sar il-kwadru titulari.

Cyprian P. Dalli, kritiku tal-Arti, jikteb hekk: "Gagliardi kellu diversi kummissjonijiet f'Malta, iżda kien imfittex l-aktar bħala *Madonnaro* jew pittur tal-figura ta' Marija mimlija ħlewwa ... Insibu 'l-Madonna Gagliardiana fil-kwadru ċkejken li jinstab fil-Mużew tal-Katidral u fil-kwadru tal-Madonna tal-Anġlu Kustodju li hemm fil-Katidral l-Imdina; kif ukoll fil-kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien li juri ix-xena ta' Marija Annunzjata. Il-figura tal-Madonna f'dawn ix-xogħlijiet kollha ftit li xejn tinbidel, hekk kif jiġrilhom ukoll il-figuri tal-Anġli akkumpanjaturi. Il-Komposizjoni tal-kwadri tiegħu huma simili ħafna, b'ħafna elementi jiġu riċiklati. Komuni huma 's-sors tad-dawl li jifforma ċirku madwar il-figuri ċentrali, kif ukoll l-ilwien kemm tal-figuri kif ukoll tal-ambjent ... Iżda għalkemm dawn ir-repetizzjonijiet jistgħu jagħtu l-impressjoni ta' monotonija, 'x-xogħol ta' Gagliardi xorta waħda jibqa' wieħed li jiġbed il-għajn u jqanqal is-sentimenti"

Gagliardi jista' jitqies bħala pittur ideali għall kwadri reliġjużi fil-Knejjes Maltin. Hu miet fl-età ta' 81 sena fil-Belt ta' Frascati, qrib Ruma fl-1890.

Riferenzi
Rivista "Sagħtar", Kitba tal-Kav. Rafel Bonnici Calì.
Fuljett Parrokkjali "Tarxien", Għadd 57, Kitba tal-Kav. Bonnici Calì
Programm tal-Festa ta' Santa Marija, Gudja, 1995 kitba ta' Cyprian P. Dalli pg. 25, 27
Programm tal-Festa ta' Santa Marija Gudja, 1997 kitba ta' Cyprian P. Dalli pg. 14, 15, 17, 19
"In-Nazzjoni" 20 ta' Diċembru 1995, kitba ta' J. C. Camilleri pg. 18
"Il-Mument" 18 ta' Lulju 1993 kitba ta' J. C. Camilleri
"The Iconography of the Maltese Islands (1400-1900) Painting" ta' M. Buhagiar Malta 1988, pg 175
"The Artistic Environment in Nineteenth Centruy Malta", ta' A Espinosa Rodriguez 1987, pg. 12
"Malta Artistica Illustrata" ta' Kan Kap. Caruana Dei Conti Gatto, 1905, g 125, 126
"Sacred Art in Malta" ta' G. Gauci, 1990, pg 30
"La Madonna nell'Arte", ta V. Bonello, 1949, pg 44, 45
"The International Dictionary of Artists who painted in Malta" ta' N. Depiro, 1988, pg 99
"Il-Ġens illum" 10 t'Awwissu 2002, Artiklu ta' Cyprian P. Dalli pg. 15
Artiklu ta' Joe Balzan fil-Programm tal-Festa Madonna tad-Duttrina, Tarxien pg. 9
Artiklu ta' J. C. Camilleri fil-Programm tal-Festa tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, Tarxien, sena 2002 pg. 75, 76
Artiklu ta' Glenn Copperstone fil-fuljett tal-"Festa Anniversarja mill-Wasla tal-VaraTitulari", Festa 2004, pg. 49, 51
"Ħal Tarxien" ta' V. Battistino, 1993, pp 53, 80, 82, 207, 416
"Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien", Ed. Vince Borg 1973. Artiklu ta' R. Bonnici Calì p. 78

FOTOFORCE
*Professional Photographer,*
*Video & DVD Service,*
*Photographic, Video &*
*DVD Goods Dealer*


**Triq il-Kurunell Mas,**
**Tarxien**
**Tel: 2166 5186, 2167 7725**
**Mob: 7953 9157**
**E-mail: fotoforce@hotmail.com**

***Għal kiri ta' swali***
**DAR NAZARET**
**Triq it-Tamal,**
**Ħal Tarxien**
**Tel. 2182 8153**